**30 ta' Novembru, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo Borg

**Manteniment —Ħajja bla qies — Art. 352 (x), Kod. Krim.**

*Giet ikkunsidrata "ħajja bla qies" l-azzjoni ta' min jgħix volontarjament kontrarjament għar-regoli tal-buon kostum u dika tar-raġel miżżewweġ li jinnega lil martu u uliedu l-mezzi għall-għexien volontarjament u jesponi lill-istess martu għall-perikoli illi jkollha tirrikorri għall-mezzi mhux leċiti sabiex tgħix.*

*Meta persuna miżżewġa tkun ġiet kundannata mill-Qorti Ċivili għall-għoti ta' alimenti u ma tħallashomx allura dik l-istess persuna ma jista' jkollha ebda skuża biex ninnewtralizza ir-reat in eżami.*

Il-Qorti, rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura tal-4 ta' Marzu 1963 li biha l-imputat Carmelo Borg fuq l-imputazzjoni tali f'Birkirkara f'dawn l-aħħar tliet ġimgħat bħala kap tal-familja ħalla lil martu u lil uliedu fil-bżonn imħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont ta' xogħol ġie misjub ħati u kundannat tmien tijiem priġonerija.

Rat ir-rikors ta' l-imputat tad-9 ta' Marzu 1963 li bih talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li huwa jiġi

meħlus minn kwalunkwe ħtija u piena;

Rat is-sentenza ta' dina l-Qorti tas-6 ta' April 1963 li minnha jidher li fuq l-artikolu 440 (3) tal-Kodiċi Kriminali ddikjarat is-sentenza appelata rrita u nulla u ordnat it-trattazzjoni tal-kawża mill-ġdid quddiem dina l-istess Qorti għas-sens tal-artikolu fuq ċitat wara li kkunsidrat:—

Omissis.

Ikkunsidrat:

Mill-provi paċifikament illum jirriżulta li bejn il-partijiet ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali għal ħtijiet tal-imputat u fost domandi oħra jirriżulta li ġiet akkolta t-talba ta' mart l-imputat għax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u dika ta' l-alimenti għal mart l-imputat u wliedha minuri ġenerali waqt iż-żwieġ ma l-imputat; dina r-rata ġiet fissata għal £3.12.0 fil-ġimgħa imma l-imputat, li jaqla' £8 fil-ġimgħa mhux qiegħed jagħti lil martu u uliedu ħlief £2 fil-ġimgħa għax jippretendi li l-kumplament sar rata fissata għandha tittieħed minn depositu konġuntiv bejnu u bejn martu u t-tnejn jgħidu li l-ktieb tal-bank, li jirrappreżenta l-flus mhux qiegħed għandhom. Mart l-imputat, li tgħix ma' ommha bit-tfal, ma tridx li jitmissu dawk il-flus, li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti flimkien mad-dar li joqgħod fiha l-imputat, għar-raġuni li għad trid issir il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Dawn huma l-fatti preżenti.

Illi però għall-epoka meta ġiet spikkata ċ-ċitazzjoni l-kawża ta' separazzjoni kienet għadha ma ġietx maqtugħa u l-akkuża oriġinali tirrigwarda appuntu dina l-epoka min-notament tal-Imħallef li allura kienet jippresiedi dina l-Qorti fis-seduta tas-6 ta' Settembru 1963 (iċ-ċitazzjoni hija tat-18 ta' Settembru 1962). Mart l-imputat ħalfet li żewġha l-aħħar

għaxar xhur mill-jum li xehdet taha biss darbtejn xi alimenti għaliha u t-tfal minuri u semmiet ukoll li tliet ġimgħat qabel it-18 ta' Settembru 1962 dam tlett ġimgħat ma jagħtiha xejn u qabel kien ilu sitt xhur ma jipprovdilha manteniment. Semmiet ukoll li huwa meta ried jagħtiha manteniment ma riedx jagħtihulha minn dak li jkun jaqla' settimanalment imma biss mill-flus tal-Bank imma hija riedet li ma jnaqqasx mill-flus li kienu faddlu. Qabel il-kors tal-kawża preżenti l-Qorti Ċivili kienet tatha alimenti £3.12.0 fil-ġimgħa għaliha u l-erbat itfal.

Illi l-imputat ċaħad quddiem l-Imħallef, li kien fis-6 ta' April 1963 jippresiedi dina l-Qorti li huwa qabel Settembru 1962 kien fil-kors tal-kawża ta' separazzjoni personali ta' manteniment u pprometta li fil-kors tal-kawża jagħtiha kemm jista', imma fil-fatt, kif fuq intqal, qiegħed jagħtiha anqas mir-rata fissata mill-Qorti Ċivili għalkemm huwa jsostni li taha kemm ordnatlu l-Qorti u għandu r-riċevuta tagħhom iżda qatt ma pproduċihom.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-art. 352 (x) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min bħala kap ta' familja, iħalli fil-bżonn lill-mara jew lit-tfal, minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol.

Illi ġiet ikkunsidrata "ħajja bla qies" l-azzjoni ta' min jgħix volontarjament kuntrarjamnet għar-regoli tal-buon kostum u dika tar-raġel miżżewweġ, li jinnega lil martu u uliedu l-mezzi għall-għajxien volontarjament u jisponi lill-istess martu għal perikolu li jkollha tirrikorri għal mezzi mhux leċiti sabiex tgħix. Ir-raġel miżżewweġ, li jkollu l-mezzi u jonqos li jipprovdi lil mara mill-mezzi għal għajxien ċertament jinkorri f'dina l-kontravvenzjoni jekk ma għandux mezzi bla ħtija jew jekk ikollu l-mezzi u ma jipprovdiex lill-persuni fuq im-

semmija għal xi raġuni vera jew falza għax jaħseb li għandu dritt jinnegahom allura l-kontravvenzjoni msemmija tiġi tonqos. Meta però persuna li tkun miżżewġa tkun ġiet kundannata mill-Qorti Ċivili għall-għoti ta' alimenti u ma tħallashomx allura dika l-istess persuna ma jista' jkollha ebda skuża biex tinnewtralizza dana r-reat, il-għaliex il-limiti li jkun stabbilit għan-neċessità jkun ġie determinat anki minn digriet ta' Qorti Ċivili u min ma jissomministrax dika r-rata jiġi kkunsidrat sregolat (disorderly) (ara La Polizia vs Giuseppe Briffa 27 Ottubru 1928 Appell Inf. Vol. XXVII P. IV. Sez. II paġ. 667 u App. Ċivili Il-Pulizija vs. Fanciulli 9 ta' Diċembru 1961).

Illi fil-ħsieb ta' dina l-Qorti l-imputat inkorra fil-kontravvenzjoni msemmija skond ix-xhieda ta' martu li hija aktar kredibbli minnu li qal li taha l-alimenti u kellu r-riċevuti tagħhom li qatt fil-fatt ma ġieb.

Għal dawn ir-raġunijiet

Taqta' u tiddeċiedi billi ssib lill-imputat ħati tar-reat imsemmi fl-imputazzjoni u tikkundannah ġurnata detenzjoni.